# PADRE PIO MEQJUS BHALA PROFETA.

Jekk wiehed iqis li t-tbassir tal-gejjieni huwa parti mill-karizma profetika, forsi wiehed jista' jghid li Padre Pio kien profeta.

Spiss kien jghid: "Jiena naghmel aktar hoss mejjet milli haj."

Jum wiehed meta kien ghadu zghir mar passiggata mal-kappillan fit-toroq ta' Pietrelcina. Waslu f'post fejn sekli qabel kien hemm monasteru tal-kappuccini, ghall-habta tas-sitta, hin l-Angelus. Wara li talbu huwa qal lill-kappillan: " Il-hoss tal-qniepen jfakkrek f'dawk li fl-antik kienu hawn. Inhoss li jum wiehed monasteru iehor jerga' jimbena' hawn, akbar u isbha minn dak ta' qablu."

"U meta ser isehh dan?"

"Dak ma nafux imma ghad tasal il-gurnata."

Infatti fil-21 ta' Mejju tas-sena 1951, Monsinjur Mancinelli, arcisqof ta' Benevento, ikkonsagra l-knisja tal-monasteru l-gdid tal-kappuccini. Dak li kien qal Padre Pio kien qalu meta xejn ma kien jindika xi possibilta' li jigri dan.

Meta l-periti u l-bennejja bdew jibnu l-kunvent il-gdid, sabu diffikulta' kbira: l-iskarsita' ta' l-ilma f'Pietrelcina. Allura ddecidew li jitolbu l-ghajnuna ta' Padre Pio. Urewh il-pjanti u hu pogga subajh fuq certu punt fuq il-pjanta." Haffru fond

ta' 16 il-pied u ghandkom issibu l-ilma." Il-haddiema kien diga' haffru f'diversi punti fuq l-art tal-kunvent biex ifittxu l-ilma, izda ghalxejn. Meta haffru skont ma kien iggwidhom Padre Pio sabu kwantita' ta' ilma. Illum l-ilma tal-bir mhux biss jaqdi l-bzonnijiet tal-kunvent, izda wkoll ta' parti minn Pietrelcina.

barra li jinqeda' il-kunvent.

Padre Carmelo Durante, is-superjur tal-monasteru ta' San Giovanni Rotondo jaghti xiehda ghal dan il-fatt:

Matul l-ahhar gwerra dinjija konna nitkellmu kuljum fuq ir-rebhiet militari tal-germanizi fuq kull front. Niftakar li ghodwa wahda fil-sala kommunitarja tal-kunvent, kont qed naqra gazzetta li rrapurtat lit-truppi germanizi kienu mexjin lejn Moska. Ghalija din kienet ahbar kbira ghaliex kien ifisser li bir-rebha finali germaniza, il-gwerra tasal bi tmiemha. Hrigt barra mis-sala u rajt lill-Padre Pio u ghidtlu li "l-gwerra intemmet. Il-germanja rebhet."

"X'ghidt?" staqsa Padre Pio. "Il-Germanja tirbah il-gwerra?" Din id-darba l-Germanja titlef il-gwerra b'disfatta kbira, aghar minn ta' l-ahhar darba. Tinsiex."

"Imma Padre il-germanizi huma qrib Moska."

"Ftakar biss x'ghidtlek."

Imma jiena komplejt nghidlu: "Imma jekk il-Germanja titlef il-gwerra, l-Italja titlef ukoll. "

"Ma ndumux ma naraw jekk jispiccawx it-tnejn flimkien."

Meta, pero' tqis l-alleanza bejn il-Germanja u l-Italja, il-kliem ta' Padre Pio kienu jhawduk. Imma kienu cari s-sena ta' wara, meta fit-8 ta'Settemmbru tas-sena 1943, l-Italja iffirmat ftehim ta' paci ma' l-alleanza bejn l-Inglizi u l-Amerikani u ddikjarat gwerra fuq il-Germanja.

F'April 18, 1948, inzammu l-elezzjonijiet gewwa l-Italja. Il-kandidati kommunisti kellhom cans kbir li jirbhu. Il-Papa Piju XII, kien imhasseb hafna dwar il-gejjieni u ftit jiem qabel il-vot, baghat messaggier li kien jafda lejn San Giovanni Rotondo biex jitlob il-parir ta' Padre Pio. Huwa wiegeb li s-sitwazzjoni jehtigilha azzjoni u ghamel dan it-tbassir: " Ghid lill-Papa li r-rebha tkun taghna u wahda kbira." Il-grajjiet ikkonfermaw il-profezija ta' Padre Pio. Xahar wara l-elezzjoni t-tbassir tieghu sar maghruf pubblikament gewwa Ruma, meta prelat gholi fil-Vatikan fada' dan is-sigriet lil Dr. Francesco Morcaldi, aktar tard sindku ta' San Giovanni Rotondo u lill- Padre Dominique Labellarte.

Fis-sena 1959 Padre Pio habbar li l-Kardinal Montini kellu jitla' fuq it-tron ta' Pietru, fatt li sehh 4 snin wara meta sar Papa Pawlu VI fis-sena 1963. Ghamel ukoll profeziji fuq it-tieni Koncilju Vatikan II u z-zmien post konciljari fl-istorja tal-Knisja. Bassar ukoll krizi ekonomika dinjija u zmien ta' faqar u guh hekk kbir li l-karti tal-flus li wiehed kien ser isib fit-toroq u jtiru mar-rih ma kienu jiswew xejn ghaliex wiehed ma kien isib xejn x'jixtri. Habbar ukoll li l-hidma

tax-xitan kellha tkun wahda intensa, sottili u effettiva fil-futur qarib. Talab lil ommijiet li jitolbu hafna ghal uliedhom u n-neputijiet taghhom sabiex dawn ma jaqghux fin-nasba ta' l-ghadu nfernali.

Hafna snin qabel il-waqa' tal-hajt ta' Berlin, fi zmien il-gwerra bierda, wiehed franciz tkellem ma' Padre Pio fuq is-sitwazzjoni religjuza tan-nazzjonijiet wara l-Purtiera tal-Hadid u fuq ix-xewqa li kellu li jmur jaghmel appostolat fir-Russja. Saqsieh jekk kellux jibda' jistudja l-lingwa russa. Padre Pio wiegbu: "Iva. Imma kif ser tidhol fil-pajjiz f'dawn iz-zminijiet? Stenna sakemm jinfethu l-bibien." Wiehed jista' jghid li Padre Pio kien diga' qed jara l-lobgha ta' Gorbakov u l-helsien tal-pajjizi kommunisti tant moghtija pubblicita' sa mis-sena 1989.

Mathieu Merla, ghalliem tal-Franciz u Matematika, jum wiehed kien qed jitkellem ma' Padre Pio fil-gnien ta' Casa Sollievo della Sofferenza. F'daqqa wahda resaq fuqhom ragel li kien jidher imfixkel u mhawwad u nxtehet f'rigeljn il-patri. B'vuci fgata rrakommandalu persuna li kienet tigi minnu li kienet marida serjament u li skont it-tobba kienet qed tmut. Padre Pio ma tkellem xejn. Ir-ragel qam u telaq. " Imma Padre anqas kelma ta' konfort ma kellek lejn dak il-povru ragel? Anke jiena li ma inhiex persuna religjuza hassejt ghalih u kbejt mieghu."

Padre Pio fesfislu f'widnejh: " Ghadek ma tafx x'dulur hassejt meta rajtu f'dik is-sura." Il-patri baqa' sieket ghall-ftit, imbaghad irrefera ghall-pazjent: "Tassew fi stat hazin." Migbur fih innifsu fil-kwiet, xengel tnejn rasu, imbaghad stqarr ma' Mathieu: "Miet."

Testimonjanza ohra ta' Sig. Giovanni P. Siena; (u din ta' l-ahhar)

JIRRAKONTA:

Xi snin ilu iddisinjajt progett li poggejtu quddiem Padre Pio ghall-gudizzju tieghu. Huwa rregetta l-progett hekk b'qawwa u perswazzjoni li bqajt mibluh. "Min tak din l-idea? Oqghod attent, oqghod attent." Kien progett li wiehed seta' jaghmlu facilment u anke legalment u li kien jidher bla ebda komplikazzjoni jew periklu. Madankollu Padre Pio ma zbaljax meta oppona ghalih. Ic-cirkustanzi evolvew b'tali manjiera li, li kieku ghamiltu kont inhabbat wicci ma' konsegwenzi dizastruzi."